TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Alfred Micallef

Vs

Automarket Service Station

CCT 4/21/MM

Illum, 28 ta' Settembru 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Jannar 2021 fejn talab is-somma ta' erbgħin Ewro (€ 40), rappreżentanti rifużjoni ta' flus mogħtija lill-magna tal-petrol tal-intimati li konsegwenza tal-ħsara tagħha ma tatx *fuel.*

Illi minkejja li l-konvenuti kien debitament notifikati baqgħu ma ppreżentawx risposta fl-atti.
Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament tiegħu kif ġara l-każ u spjega li minkejja li kkomunika mal-intimati huwa baqgħa ma ġiex rifuż flusu lura. Illi huwa jispjega li l-irċevuta ttieħdet minnhom.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' lir-rikorrenti li kien huwa ċar fi kliemu u dan it-Tribunal ma għandux raġuni għalfejn għandu jiddubita dak li jingħad minnu bil-ġurament tiegħu.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa it-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' erbgħin Ewro (€ 40).

Bl-ispejjeż konta l-konvenuti.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru